**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 34**

**12 ta' Marzu 2026**

Il-laqgħa numru 34 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar il-Ħamis 12 ta' Marzu 2026 fl-16.30.

**PREŻENTI:**

Steven Grech - Sindku
Miriam Camilleri - Viċi Sindku
Nazzareno Bugeja - Kunsillier
Daniel Zerafa - Kunsillier
Matthew Bugeja - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tiffany Abela - Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **34** | **Qari ta' ittri ta' apoloġija** |
| | F'din il-laqgħa ma kienx hemm ittri ta' apoloġija. |
| | |
| **34.1** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| | Il-Minuti kienu ser jiġu preżentati fil-laqgħa li jmiss peress li kien hemm problema bil-laptop |
| | |

| | |
|---|---|
| **34.2** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| | Is-Sindku qal li fi 18 ta' Frar is-Sindku u Deputat Segretarju Eżekuttiv kienu preżenti id-dipartiment tat-Trade għal Appell ta' Fuq il-Monti. Is-Sindku qal li l-avukat tal-partijiet l-oħra kien qed isosstni li Daniel Zerafa ma kellux ikun fil-laqgħa minħabba konflitt ta' interess.<br><br>Fuq il-minuti kien hemm miktub bi żball li Daniel Zerafa kien ivvonta kontra li l-bejjiegħa jiċċaqalqu. Dan kien minflokk inkiteb li kien astjena. Is-Sindku qal li hekk niġu f'dan b'dan l-iżball, Daniel Zerafa kien ivvota favur il-bejjiegħa. Daniel Zerafa qal li kieku hu kien ivvota iva biex jiċċaqalqu l-bejjiegħa l-avukat kien ikollu raġun imma l-vot kien irreġistrat bħala favur il-bejjiegħa. |
| | Is-Sindku qal li fi 3 ta' Marzu kien hemm laqgħa rigward Triq il-Luzzu ma Xatt is-Sajjieda mal-Enemalta. Dan minħabba li jrid jinżel cable għal mas-substation ħdejn l-għalqa. Enemalta tkellmu ma sid il-binja sabiex jirranġa xi affarijiet mistenniha minnu. Matthew Bugeja qal li dawn l-affarijiet iridu jkunu ċari li jsiru issa sabiex ma terġax tinqala' t-triq. |
| | Fil-11 ta' Marzu kien hemm konferenza tas-servizzi l-ġodda tal-BCRS. Dan is-servizz ġie estiż għal Malta kollha |
| | Is-Sindku informa kull nhar t'Erbgħa kien qed ikun hemm laqgħa ma' Project Green fuq il-ġnien Kavallerizza |
| | Is-Sindku qal li fl-aħħar ġie diskuss it-timed parking. Kien hemm rikjesta minn residenta fi Triq il-Wilġa sabiex issir timed parking fil-parking ukoll. Matthew Bugeja qal li hekk kien ser isir timed parking fil-parking area kienet se tkun talba aċċessiva u ma kien ser jiġi aċċettat xejn. Matthew Bugeja qal li l-parking area ma tistax issir timed parking. Kienu qed isiru timed parking fi żoni tal-madwar biex in-nies imorru jipparkjaw l-parking. dan is-suġġeriment ittieħed vot.<br><br>Voti iva: 0<br>Voti le: 5 |
| | Is-Sindku qal li kien hemm xi fondi minn naħa tal-ERA – kienet ser issir laqgħa magħhom sabiex isiru jafu x'inhuma dawn il-fondi. |
| | Is-sindku qal li kunsill kien irċieva email għal Figolla u 2 Easter Eggs mingħand Smiling with Jerome li kienu sejrin għal familja fil-bżonn. Il-Kunsill qabel fuq dan. |
| | Is-Sindku qal li l-kunsill irċieva talba mill-iskola għal premjijiet tal-iskola. Is-Sindku qal li kien ser jiċċekkja l-ammont li l-kunsill ħareġ is-sena l-oħra u kien qed jissuġġerixxi li jinħareġ l-istess ammont. |
| | Is-Sindku qal li kien irċieva suġġeriment għal San Girgor u kien stieden lil din il-persuna sabiex tiġi titkellem mal-kunsill. Il-Persuna ntroduċiet ruħa bħala Julie Camilleri u qalet li hi kienet DJ. Hi qalet li xtaqet li f'San Girgor ikun hemm stand fuq in-naħat tat-turf tal-Magħluq. Dan sabiex San Girgor ikun ukoll attraenti għaż-żgħażagħ.<br><br>Il-kunsill qabel li hekk l-għaqda tan-nar taċċetta din id-DJ setgħet tieħu post fil-pjazza bil-volum tad-diski baxxi. Hekk is-sound ma jibqax baxx din is-sena is- |

| | |
|---|---|
| | sena dieħla ma terġax issir. Hekk tan-nar ma jaqblux id-DJ setgħet tmur in-naħa tat-turf kif kienet qed tissuġġerixxi hi. Fiż-żewġt postijiet il-kunsill qabel li ma jkunx hemm bars u lanqas xorb u ikel hekk ma jkunx hemm l-għaqdiet u importanti li l-attivita ma tidħolx fil-parking. Il-kunsill qabel li kien ser jgħin minħabba s-sound. |
| | Is-Sindku qal li l-gvern beda d-diskussjonijiet għar-riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir. Hu kien ġie għal widnejh li ċertu affarijiet mill-port kienu ser jimxu għal Marsaxlokk. Hu qal li sabiex ċertu affarijiet jimxu għal Marsaxlokk kellu jkun hemm breakwater sura u jridu jaħsbu ukoll fuq infrastruttura tat-toroq suret in-nies. Hawnhekk Reno Bugeja saqsa hekk Marsaxlokk ux qed jitħammel għal dan l-iskop, imma sindku ma kellux risposta. Daniel Zerafa saqsa x'kien ser jiġi ġo Marsaxlokk? Il-Catamaran? Il-Fast Ferries? Il-Car Carrier? Is-Sindku qal li hu ma kienx ikkonsultat imma kienu sabuħ 2 kumpaniji. Għaldaqstant l-kunsill qabel li kellha tintbagħat email sabiex jiġu iċċarati l-affarijiet. |
| | |
| **34.3** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti** |
| | Reno Bugeja saqsa fuq il-pagament ta' Patrick Schembri u Carmen Scicluna. Is-Segretarju spjegat li wieħed kien fuq l-IT u l-pagament l-ieħor kien tal-librara |
| | |
| **34.4** | **Proposta mill-aġenzija nazzjonali tal-litteriżmu** |
| | Il-kunsill kien irċieva email sabiex l-aġenzija nazzjonali tal-literiżmu tagħmel xi libreriji fil-lokalita. Il-kunsill kien identifika xi postijiet għal dan il-għan. Dawn huma: il-Bandli tal-Magħluq, Ġnien il-Familja, fit-Telefon Box, u Ħdejn il-Berġa |
| | |
| **34.5** | **Talba mill-iskola** |
| | Is-Sindku qal li kien hemm talba minn għand il-kap tal-iskola għal donazzjonijiet ta' kotba. Il-Kunsill qabel li joħroġ is-somma tas-sena li għaddiet. |
| | |
| **34.6** | **Minn Pjazza ghal Pjazza** |
| | Id-DES spjegat li ħarġu l-applikazzjonijiet għal Minn Pjazza L-Pjazza. Il-Kunsill qabel li l-attivita kella tiġi proposta għal 11 ta' Lulju 2026 u tinkorpora Logħob Malti u Viti Kultura. |
| | |
| **34.7** | **Mistoqsijiet** |
| | Matthew Bugeja saqsa hekk jistgħux jinżabru s-siġar fi Triq Melqart. Is-Sindku qal li kienu ser isiru |

| | |
|---|---|
| | Matthew Bugeja qal li xtaq jissuġġerixxi li t-toroq il-ġodda li qed isiru jinkludu konok għal-pjanti fil-kantuniera bħal ritratti li kien bagħat fic-chat tal-kunsilliera Whatsapp. Is-Sindku qal li kien ser ikellem lill-perit<br><br>Matthew Bugeja semma ġrajja li kienet anke fuq il-midja soċjali fuq ix-xatt nhar ta' Ħadd li tinkludi restoranti. Hu qal ukoll l-kunsill mhux qed jinforza d-deċiżjonijiet li ttieħdu. Is-Sindku wieġeb li l-kunsill ma jistax iżomm l-ordni hu mingħajr għajnuna. Fuq is-Sajjieda saret ordni għad-dgħajjes filfatt il-magħluq ġie organizzat. Fuq Xatt is-Sajjieda s-sindku qal li l-kunsill kellu pressure mingħand il-Ministri u Parlamentari u din is-sena sa dgħajjes taħt il-bankina kien hemm. Din qatt ma kienet. Is-Sindku qal ukoll li l-ġurnata ta' qabel kienu ġew tal-lands rigward il-ġnien fi Triq Kavallerizza. Huma ma ġabux karti magħhom fuq l-aċċess għal dik il-persuna li qed jgħid li għandu aċċess imma qalu lis-sindku sabiex jinstab kompromess. Meta s-sindku semma l-imwejjed u s-siġġijiet in-nies tal-lands qalu li huma jridu jitkellmu biss fuq l-aċċess għal Triq Kavallerizza.<br><br>Matthew Bugeja kompla li l-kunsill ma jistax ikaxkar u kien hemm bżonn li jiġu l-pulizija jew TM Enforcement u għalhekk kellu jsir rapport. Hu qal li ma jistax ikun li l-kunsill jibqa' jaqla' fuq wiċċu għax in-nies imorru għand dak u għand l-ieħor.<br><br>Daniel Zerafa issuġġerixxa li l-kunsilliera kollha jiktbu fuq il-midja soċjali tagħhom u jagħmlu ħoss. Hawnhekk Matthew żied li din il-pressjoni m'għandix issir biss online imma l-kunsill għandu jkollu l-appoġġ tal-Awtoritajiet, entitajiet kif ukoll ministri.<br><br>Reno Bugeja hawnhekk saqsa x'kien ser jiġri l-ħadd ta' wara hekk jerġgħu isiru l-istess affarijiet? Is-Sindku wieġeb li hu kien ser jinżel il-Ħadd li ġej. Matthew Bugeja ssuġerixxa li l-kunsill kellu jitlob l-għajnuna lid-depot u l-kunsill kellu jitlob l-għajnuna tal-pulizija.<br><br>Matthew Bugeja saqsa x'kien ser jiġri fuq it-toroq il-ġodda? U hekk kienux ser isiru żippijiet. Is-Sindku qal li Port Ruman biss le s'issa.<br><br>Matthew Bugeja saqsa x'kien ġara fuq ir-rotot il-ġodda tat-trasport pubbliku. Is-Sindku qal li ma kien sehma xejn lura.<br><br>Matthew Bugeja qal li kien qed jissuġġerixxi li l-kunsill jagħmel whatsapp Group fejn ikun jista' jinforma lir-residenti membri fil-grupp b dak li għaddej imma residenti ma jkunux jistgħu jiktbu lura. Fuq dan ma kienx hemm oġġezzjoni |
| | |
| **34.8** | **Planning** |
| | Daniel Zerafa qal li kien hemm applikazzjoni PA/924/26 sabiex il-ġnien ta wara Villa Agius Catania jinbena. Il-permessi tal-plottijiet ta' ħdejh kienu diġà ħarġu u ġew approvati. Matthew Buġeja qal li f'dawn il-każijiet l-awtorita tal-ippjanar kellha tikkunsidra wara bħala faċċata għax din evidenti mix-xatt/Triq il-Wilġa. |

| | |
|---|---|
| | Hu Qal li l-perit kellu jiċċekjja hekk il-ġnien hux protett. Hekk il-ġnien hu protett il-kunsill kellu jagħmel oġġezzjoni, hekk il-ġnien mhux protet le, imma lill-awtorita tal-ippjanar ninfurmawha li wara għandu jiġi ikkunsidrat bħala faċċata.<br><br>Fuq dan kien hemm qbil minn kulħadd.<br><br>Daniel Zerafa informa ukoll li l-permess tac-childcare centre kien ħareġ, kif ukoll il-permess tal-pompa tad-Diesel fi Triq Xatt is-Sajjieda PA/4763/24 |
| | |
| | Il-laqgħa ġiet fi tmiema għal ħabta ta' 19.30. Il-laqgħa li jmiss kienet ser issir nhar il-14 ta' April 2026 fi 09.30am |

*Ikkonfermati llum 14 ta' April 2026,*

**IFFIRMATA**

________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

________________________

**Tiffany Abela**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATA**

________________________

*Proponent*

**IFFIRMATA**

________________________

*Sekondant*